A.L. 121 tal-2010

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu għal Viżi ta' Schengen

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għal Viżi ta' Schengen, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2007 dwar Drittijiet li jitħallsu għal Viżi ta' Schengen, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 434 tal-2007.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-5 ta' April, 2010.

Jemenda r-regolament 4 tar- regolamenti principali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (d), għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) ir-rappreżentanti ta' organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, li m'għandhomx aktar minn ħamsa u għoxrin sena, li jipparteċipaw f'seminars, konferenzi, avvenimenti sportivi, kulturali u edukattivi, organizzati minn organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt:

Iżda organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt għandha tiftiehem kif hemm fit-tifsira "li ma tagħmilx profitt" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.".

Kap. 492.

Tissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Iskeda l-ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 2)

Għall-ħruġ ta' viża ta' Schengen -

a) Viża ta' Transit minn Ajruport (Kategorija A)	€ 60
b) Viża għal Żmien Qasir (Kategorija C)	€ 60
c) Viża li għandha Validità Territorjali Limitata (Kategorija C)	€ 60
d) Viża Nazzjonali għal Żmien Twil (Kategorija D)	€ 60"